MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 565/2004/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance p.l.c. u dina kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Carmel Debono, abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi, u l-istess Carmel Debono u b’ digriet tal-5 ta’ Marzu tas-sena 2001, Mary Grace Debono, Ivan Mark Debono u Lara Debono assumew l-atti ta’ din il-kawza stante il-mewt ta’ Carmel Debono**

**vs**

**Ballut Blocks Limited u Carmel Vella Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta’ Mejju, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni datata t-23 t' Ottubru tas-sena 1998, li gabet in-numru 2174/98 li permezz taghha s-socjeta' attrici nomine sejhet lis-socjetajiet konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu, in vista tar-ragunijiet minnhom premess, ghaliex m'ghandhomx:

1. Illi jkunu dikjarati unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh gewwa Regional Road, Msida, Malta nhar id-9 ta' Mejju, 1997 ghall-habta tat-tmienja u nofs ta' fil-ghaxija u li fih kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IMD – 075;

2. Illi jkunu kkundannati, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta' elf, tlett mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u tmintax –il centezmu, (LM1,348.18,0), jew somma verjuri, rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Carmel Debono u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici, kif fuq premess bhala konsegwenza ta' l-istess incident, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Illi jkunu kkundannati jew min minnhom, ihallsu lill-attur Carmel Debono, s-somma ta' mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), jew somma verjuri, ammont rapprezentanti danni minnu sofferti in linea ta' excess payment in konnessjoni ma' l-incident;

4. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' l-24 ta' Marzu, 1998, u nteressi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Att, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata attrici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Ballut Blocks Limited datata is-16 t'April ta' l-1999 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, is-socjeta' attrici trid tipprova l-mandat taghha minghand is-socjeta' estera;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici trid tipprova illi s-socjeta' estera li qed tirraprezenta hija surrogata fid-drittijiet ta' Carmel Debono;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat illi l-polza ta' assikurazzjoni ta' Carmel Debono kienet tkopri lil Ivan Mark Debono u dan stante li l-incident sehh meta kien qed isuq il-vettura dan l-istess Ivan Mark Debono;

4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemm l-ebda ness guridiku bejn is-socjeta' eccepjenti u l-atturi u ghaldaqstant, din is-socjeta' ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' eccepjenti ma hijiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant, din is-socjeta' ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

6. Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma kienitx is-socjeta' eccepjenti li ghamlet il-"concrete blocks" fejn gara l-incident;

7. Illi fis-seba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' eccepjenti ma kellhiex ir-responsabbilita' li taghmel is-sinjali necessarji dwar dawn il-blokok tal-"concrete" u dan anke in vista tal-eccezzjonijiet numru sitta (6);

8. Illi fit-tmien lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' eccepjenti ma hijiex responsabbli ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni mill-atturi;

9. Illi fid-disa' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident de quo gara tort uniku ta' iben l-attur Carmel Debono u cioe' Ivan Mark Debono;

10. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess atturi u dan ghaliex l-

atturi gew diffidati milli jipprocedu kontra l-konvenuti b’zewg ittri legali datati l-24 ta’ Frar tas-sena 1998 u l-14 ta’ Mejju tas-sena 1998 rispettivament;

11. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta’ annessa ma’ l-istess nota fuq indikata;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Carmel Vella Limited datata id-19 t’April ta’ l-1999 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, is-socjeta’ attrici trid tipprova l-mandat taghha minghand is-socjeta’ estera;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici trid tipprova illi s-socjeta’ estera li qed tirraprezenta hija surrogata fid-drittijiet ta’ Carmel Debono;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi ppruvat illi l-polza ta’ assikurazzjoni ta’ Carmel Debono kienet tkopri lil Ivan mark Debono u dan stante li l-incident sehh meta kien qed isuq il-vettura dan l-istess Ivan Mark Debono;

4. Illi fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemm l-ebda ness guridiku bejn is-socjeta’ eccepjenti u l-atturi u ghaldaqstant, din is-socjeta’ ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

5. Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ eccepjenti ma hijiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant, din is-socjeta’ ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

6. Illi fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma kienitx is-socjeta’ eccepjenti li ghamlet il-“concrete blocks” fejn gara l-incident;

7. Illi fis-seba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' eccepjenti ma kellhiex ir-responsabbilita' li taghmel is-sinjali necessarji dwar dawn il-blokok tal-"concrete" u dan anke in vista ta' l-eccezzjoni numru sitta (6);

8. Illi fit-tmien lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' eccepjenti ma hijiex responsabbli ghall-incident imsemmi fic-citazzjoni mill-atturi;

9. Illi fid-disa' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident de quo gara tort uniku ta' iben l-attur Carmel Debono u cioe' Ivan Mark Debono;

10. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess atturi u dan ghaliex l-atturi gew diffidati milli jipprocedu kontra l-konvenuti b'zewg ittri legali datata l-24 ta' Frar ta' l-1998 u l-14 ta' Mejju ta' l-1998 rispettivament;

11. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta' annessa ma' l-istess nota fuq indikata;

Rat in-nota tas-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited datata l-5 t'Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghha ghogobha tinforma lill-qorti li precedentement kienet kolpita b'din il-procedura li riedet li din il-kawza tinstemgha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) skond il-ligi, (ara fol 126);

Rat l-ordni tal-qorti precedenti datat id-19 t'Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghha ordnat li l-kawza tigi kancellata u li r-Registratur tal-Qorti jassenja l-kawza skond il-ligi;

Rat l-avviz datat it-23 ta' Novembru tas-sena 2004 li permezz tieghu l-kawza regghet ingiebet ghas-smiegh, din id-darba quddiem din il-qorti;

Rat il-verbal konguntiv datat id-19 t'April tas-sena 2005 li permezz tieghu ir-rapprezentanti legali tal-partijiet kontendenti esprimew il-konkors taghhom ghall-fatt li l-provi li ngiebu quddiem il-qorti precedenti kienu jistghu jingiebu a konjizzjoni tal-qorti prezenti minghajr il-htiega li jergghu jingiebu x-xhieda sabiex jikkonfermaw it-testimonjanzi minnhom gia' moghtija;

Ezaminat ix-xhieda precedentement moghtija;

Semghet ix-xhieda li kien ghad fadal biex il-procedura odjerna tkun konkluza;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi finalment issa qieghda f'pozizzjoni li tista' tiddelibera u tikkonkludi l-procedura odjerna:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi ghall-habta tat-tmienja u kwart ta' fil-ghaxija tad-9 ta' Mejju ta' l-1997, waqt li Ivan Mark Debono kien qed isuq il-vettura tal-marka Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni IMD – 075 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, (komunement maghrufa bhala "Regional Road"), Msida, Malta mid-direzzjoni tal-Belt ghal San Giljan hu kien involut f'kollizjoni ma zewg (2) blokki tal-"concrete" li kien hemm fl-istess triq;

2. Illi jirrizulta li dawn l-imsemmija zewg blokki tal-"concrete" kienu qed jghalqu l-access minn Triq Mikiel Anton Vassalli ghal Triq ix-Xmiexi;

3. Illi nonostante dawn il-blokki tal-"concrete" " … ma kienx hemm indikazzjoni li wiehed ma setghax

jghaddi pero’ l-indikazzjoni kienet … aktar ‘l isfel minn Triq ix-Xmiexi … “, (ara fol 35);

4. Illi jidher li hekk kif il-konducent fuq indikat “ … kien tielgha … f’daqqa wahda sab ma wiccu dawn il-blokok tal-“concrete”, (ara fol 35), liema blokok kienu fuq “Regional Road”;

5. Illi skond il-pulizija li mar mill-ewwel fuq il-post ta’ l-incident jirrizulta li dawn il-blokok mal-“concrete” ma kellhom xejn – “lanqas ma kien hemm fanali fuqhom li jindikaw li kien hemm dawk il-blokki”, (ara fol 36);

Ikkunsidrat:

Illi skond l-istess konducent jirrizulta li s-senjaletika li tpoggiet fit-triq de quo minhabba xi xoghlijiet li kienu qed isiru fiha kienet effettivament tintrappola lill-konducenti ta’ vetturi li jsibu ruhhom fiha;

Illi l-fatt li hekk kif wiehed jaqbez il-“lights” li kien hemm f’Imsida Junction, il-“barriers” li tpoggew fit-triq in dizamina u n-nuqqas ta’ dawl li seta’ jindika l-blokki tal-“concrete” de quo, kienu effettivament jintrappolaw lis-sewwieq u kienu ghalhekk ta’ periklu kbir ghal kul min ikun qed juza l-istess triq;

Illi d-danni sofferti mill-konducent de quo huma regolarment assodati;

Ikkunsidrat:

Illi l-kuntratt tax-xoghlijiet stradali involuri jirrizulta li nghata lis-socjeta’ Rook Construction Limited, (ara fol 68 u 115), u jidher li dam sejjer tlett (3) snin;

Illi skond ir-rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija jirrizulta li mill-“file” relattiv “ … ma hemm ebda indikazzjoni ghar-rigward tas-senjaletika li tpoggiet …” fil-progett in kwistjoni, (ara fol 84);

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li meta l-kuntratt tax-xoghlijiet li kellhom isiru fl-imsemmija triq inghata, gie stipulat li kellu jkun l-istess kuntrattur li jeffettwa l-imsemmija xoghlijiet li jaghmel is-senjaletika dovuta;

Ikkunsidrat:

Illi pero' jirrizulta li s-socjeta' Rook Construction Limited is-subappaltat ix-xoghol involut lis-socjeta' konvenuta Ballut Blocks Limited;

Illi effettivament ir-rapprezentant ta' l-istess socjeta' konvenuta imsemmija fil-paragrafu precedenti ssostni fid-depozizzjoni tieghu li kienet l-istess socjeta' li kienet poggiet il-blokok tal-"concrete" fejn kien qed isehh ix-xoghol de quo, (ara fol 120);

Illi pero' jsostni wkoll li tpoggew blokok ohra simili anke minn kumpaniji ohra li kienu qed jippartecipaw fix-xoghlijiet involuti;

Illi jsostni wkoll li l-kumpanija tieghu qatt ma hadmet f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident, (ara fol 120);

Ikkunsidrat:

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta l-ohra Carmel Vella Limited isostni in sintesi is-segwenti:

1. Illi s-socjeta' li qed jirrapprezenta kienet ukoll inghatat subappalt ghal xoghlijiet fit-triq fejn proprju sehh l-incident de quo;

2. Illi l-istess socjeta' li qed jirrapprezenta kienet ukoll poggiet blokki tal-"concrete" fil-post fejn kien involut ix-xoghol taghha;

3. Illi kien taht l-impressjoni li kollox kien approvat mis-socjeta' li tat is-subappalt lis-socjeta' li qed jirrapprezenta;

4. Illi ma jsemmi xejn ghal dak li jirrigwarda senjaletika fuq  l-istess blokok;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta’ attrici ghamlet tajjeb ghall-hsarat sofferti mill-assigurat taghha stante li kien inxurjat “fully comprehensive”;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-konducent de quo kien qed isuq il-vettura tieghu b’velocita’ pjuttost anqas minn normal u saq skond is-senjaletika li kien hemm fit-triq de quo;

2. Illi pero’ meta gie aktar ‘il fuq fit-triq fid-direzzjoni mill-Imsida lejn l-universita’ sab ruhu intrappolat stante li s-senjatelika  dovuta kienet nieqsa ghal kollox;

3. Illi kagun ta’ dan, sehh l-incident de quo;

4. Illi d-danni sofferti huma debitament riskontrati;

5. Illi kienet is-socjeta’ Carmel Vella limited li kienet unikament responsabbli ghas-senjaletika dovuta stante li dik il-parti tat-triq kienet fdata f’idejha;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta’ attrici nomine ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi;

Illi ghalhekk tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha “ en blokk” sollevati mis-socjeta’ konvenuta Carmel Vella Limited u filwaqt li tirrespingi l-ewwel hames eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuti l-ohra Ballut Blocks Limited, takkolji l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati minnha;

Illi in vista tal-premess:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Carmel Vella Limited hi unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, tlett mija u tmienja u erbghin Lira Maltin u tmintax –il centezmu, (LM1,348.18,0);

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Carmel Vella Limited biex thallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti sa mill-24 ta' Marzu ta' l-1998."

Kontra din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta Carmel Vella Limited. B' mod generali hi tillanja illi l-ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament xieraq tal-provi prodotti minnha u dan wassal ghall-ingustizzja fil-konfront taghha in kwantu d-danni ma kellhomx jigu imputabbli lilha;

Ghall-mument din il-Qorti qed tissofferma fuq dan l-ilment generali biex tirribadixxi l-osservazzjoni pacifika illi l-apprezzament tar-rizultanzi istruttorji u l-ghazla fosthom ta' dawk li jitqiesu l-aktar idoneji ghall-iskop tad-decizjoni hi materja rizervata lill-Qorti adita mill-mertu u din, bhala regola, hi soggetta biss ghal dak il-limitu legali li jippreciza l-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fir-rigward tal-motivazzjoni. Hi proprju din il-motivazzjoni li tikkonsenti l-kontroll minn din il-Qorti ta' revizjoni tal-kriterju logiku segwit. Irid jizdied illi in partikulari l-gudikant fil-mertu mhux tenut li joqghod japprezza r-rizultanzi processwali kollha jew li janalizza kull argoment prospettat mill-partijiet imma jitqies sufficjenti li hu, wara li jkun evalwahom fil-kumpless shih, jindika dawk l-elementi li fuqhom ikun iffonda l-konvinciment tieghu u l-*iter* segwit minnu fil-valutazzjoni biex jasal ghall-konkluzjoni proprja;

Dan premess, bl-ewwel aggravju specifiku taghha s-socjeta` appellanti tikkontendi illi jekk kien hemm negligenza li tat lok ghall-event ta’ dannu din kienet tas-sewwieq tal-vettura assigurata mas-socjeta` assiguratrici attrici. Hi difatti taddossa fuq dan nuqqas ta’ ezercizzju ta’ prudenza u certa indifferenza ghal fatt li hu ippersista fi triqtu meta kien rinfaccjat b’ *barriers* indikanti l-ezistenza ta’ ostakoli f’ dik il-parti tat-triq;

Bhala fatt, il-provi jistabilixxu illi ghalkemm kien hemm xi *barriers* fit-triq konducenti ghal Regional Road, wahda minn dawn kienet imcaqalqa minn postha. Mhux konoxxut mill-provi min caqlaq din il-*barrier* jew *barriers* pero` hu maghruf illi f’ din il-parti tat-triq kienet qed taghmel xoghlijiet is-socjeta` appellanti u billi, kif jinghad, dawn il-*barriers* huma tal-kuntrattur hu prezunt li dawn tqeghdu mis-socjeta` appellanti jew, ghallanqas, li hi kienet responsabbli minnhom. Inghad ukoll illi dak il-hin li ghadda s-sewwieq Ivan Debono it-*traffic lights* kienu jindikaw li hu seta’ jghaddi. Ara xhieda ta’ PS Joseph Cremona (fol. 34) u l-Affidavit ta’ l-imsemmi sewwieq a fol. 59. Ghal dak li jiswa wkoll hu determinat mill-provi illi min hu responsabbli mix-xoghol kellu bhala kundizzjoni tal-permess jaghmel senjaletika u sinjali biex jindika l-fatt tax-xoghlijiet li kienu qed isiru. Ara deposizzjoni ta’ PC 1416 Paul Attard a fol. 89;

Fermi dawn il-ftit fatti kif jemergu mill-inkartament tal-kawza, b’ risposta ghall-ewwel aggravju jrid jinghad illi jidher li s-socjeta` appellanti, ghall-eskluzjoni tar-responsabilita` taghha, qed tippretendi li kienet il-kondotta tas-sewwieq il-kawza unika u esklussiva ta’ l-event dannuz subit. Evidentement, b’ dan l-argoment is-socjeta` appellanti qed tippostula dik il-qaghda guridika illi f’ kull kaz dik il-kondotta tas-sewwieq kienet tali li tippriva minn efficjenza kawzali kull imgieba precedenti taghha. Ma’ dan din il-Qorti rispettozament ma taqbelx;

Fil-kazijiet ta' cirkolazzjoni stradali hu dejjem mistenni illi min hu inkarigat minn xoghlijiet fit-toroq jiehu l-mizuri prekawzjonali kollha fl-interess ta' l-utenti. Dan skond ma jirrikjedu l-esigenzi u l-karatteristici tax-xoghlijiet fit-triq. Hu aspettat li tali mizuri – "*guardrails*", blokki tal-konkrit, sinjali, avvertimenti tal-perikolu permezz ta' avvizi adegwati – mhux biss isiru konformement mal-permess moghti imma wkoll illi dawn ikunu sew mantenuti u mharsa matul il-kors tax-xoghlijiet. Jekk xejn, biex dejjem jiskansaw sitwazzjoni ta' perikolu u ta' nasba ghall-utenti. Dan ma jidherx li sar f' dan il-kaz jew ghallanqas is-socjeta` appellanti ma werietx ghas-sodisfazzjon ta' l-ewwel Qorti, u issa ta' din il-Qorti, illi hi ottemperat ruhha ma' dawn il-mizuri mistennija minnha u ta' dak l-obbligu tal-harsien, kif imiss, tal-manutenzjoni, kontroll u repristinar taghhom f' kull waqt matul il-perijodu tax-xoghlijiet fit-triq dwar liema, b' riferiment normattiv, huma certi regoli dettati fil-Kodici tal-Pulizija (Kapitolu 10) u dawk il-principji l-ohra tad-dritt taht il-Kodici Civili. Gjaladarba mill-provi akkwiziti hi konfigurabbli l-ezistenza precedenti ta' sitwazzjoni pjuttost insidjuza din il-Qorti difficilment tista' tasal biex takkolji l-argoment tas-socjeta` appellanti kontenut fl-ewwel aggravju taghha;

Fit-tieni kap ta' aggravju s-socjeta` appellanti ssostni wkoll illi r-responsabilita` ma ghandhiex tigi attribwita lilha in kwantu, *qua* sub-appaltatrici, hi ma kellha ebda diskrezzjoni jew ghazla fejn jitpoggew il-blokki u dippju hi ma kienetx inkarigata mis-senjaletika ghaliex din kienet mill-kuntrattur principali affidata lil socjeta` terza. Anke ghar-rigward ta' dawn is-sottomissjonijiet din il-Qorti thoss li ma tistax tammettihom;

Ibda biex, kellha jew ma kellhiex ghazla fejn tqieghed il-blokki, il-fatt jibqa' illi l-incident sehh u dan f' dik il-parti tat-triq li fiha l-istess socjeta` appellanti kienet qed tikkonduci xoghlijiet u ghalhekk suppost fl-interess ta' l-utenti jew konducenti, il-mizuri prekawzjonali kienu jaqghu fir-responsabilita` taghha. Barra minn dan hanhekk qeghdin fil-kamp extra-kuntrattwali u mhux ukoll kuntrattwali, u

ghalhekk il-kwestjoni involuta hi regolata skond id-disposizzjonijiet relattivi ghad-delitti u kwazi-delitti taht il-Kodici Civili. Hekk allura ghall-fattispeci hi applikabbli in-norma sancita fl-Artikolu 1033 ta' dan il-Kodici in kwantu din tikkostitwixxi l-kardini tas-sistema tar-responsabilita` extra-kontrattwali jew akwiljana u tenuncja l-principju illi l-lezjoni tad-dritt tal-persuna tobbliga lill-awtur ta' dik il-lezjoni ghar-rizarciment tal-konsegwenzi dannuzi. F' dan il-kaz hi individwata mill-provi kondotta ommissiva da parti tas-socjeta` appellanti in kwantu din naqset milli tiehu kura adegwata li s-sitwazzjoni kienet hekk titlob u tesigi minnha ghat-tutela tad-drittijiet ta' haddiehor. Hi proprju din l-istess kondotta li tohloq rapport ta' kawzalita` ma' l-event dannuz;

Huwa inutili illi s-socjeta` appellanti tittanta tisposta l-htija ghal dan l-event dannuz fuq kumpanija terza. Dan ghal zewg motivi. Fl-ewwel lok kif jinsab ritenut illi "l-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza" ("**Anthony Fenech *nomine* -vs- Paul Gauci**", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Frar 1994). F' kull kaz ghandu jigi mfakkar illi biex l-event dannuz jigi attribwit esklusivament lil xi hadd iehor minhabba xi kondotta omissiva sopravvenuta tieghu jrid jigi ppruvat illi din l-imgieba omissiva ta' dan l-iehor kienet tali li tirrendi irrilevanti l-kawzi pre-ezistenti. Dan ukoll ma huwiex il-kaz hanwhekk in kwantu r-responsabilita` ghat-tqeghid tal-*barriers* kienet tas-socjeta` appellanti u din, kif gja sew espost, ma adoperatx dik id-diligenza necessarja ghall-kontroll shih u kif imiss taghhom. Anke allura dan it-tieni aggravju qed jitqies infondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell fiz-zewg kapi tieghu u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew ukoll mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------